MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Numru. 244/2002
Kawza Numru. 4

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Frank Psaila iben Salvu u Elena nee` Mompalao li joqghod 14, Triq Sir Paul Boffa, Rabat, Ghawdex. Karta ta’ Identita’ Numru 80245 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-16 ta’ Jannar 2002 ghall-habta tas-6:50 p.m. waqt li kien qed isuq vettura Nru KBD 476 fi Triq Santa Maria, Xewkija, Ghawdex (1) saq l-istess vettura b’mod traskurat u perikoluz, (2) u aktar talli fl-istess data, lok u hin habat ma’ vettura AAP 308 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta’ Mario Zammit;

Ikkunsidrat illi minn dak li semghet il-Qorti ma hemm xejn li ghandu jikkonduci lil din il-Qorti ghal sejbien ta’ htija stante li l-ghagir ta’ l-imputat ma kienx wiehed ta’ indoli kriminali;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------